A.L. 198 tal-2009

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti tal-2009 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u bl-artikolu 33 tal-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2009 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2009 ħlief għas-subregolament (3) tar-regolament 6 li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2009.

Taqsima I
PRELIMINARI

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Approvazzjoni ta' Vettura Waħidha" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk tkun unika kemm jekk le, tkun tissodisfa d-disposizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti u "ċertifikat tal-Approvazzjoni ta' Vettura Waħidha" tfisser iċ-ċertifikat li jkun inħareġ lil dik il-vettura waħidha li t-tip tagħha jkun ġie approvat;

"l-Att" tfisser l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

Kap. 332.

"l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif stabbilita skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 356.

"azjenda bi sħubija" tinkludi assoċjazzjoni, li ma tkunx reġistrata taħt l-Att dwar il-Kumpaniji, bejn żewġ persuni jew aktar;

Kap.386.

"ċertifikat ta' konformità" tfisser ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur ta' vettura bil-mutur skont kull disposizzjoni tal-liġi ta' Stat Membru li tittrasponi d-Direttiva 70/156/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif emendat;

"ċertifikat ta' qerda" tfisser ċertifikat maħruġ minn faċilità awtorizzata għat-trattament skont ir-regolament 6(3) tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom);

A.L. 99 tal-2004.

"ċertifikat ta' reġistrazzjoni" tfisser id-dokument li jiċċertifika li l-vettura tkun reġistrata;

"ċikletta" tfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ċikletta mgħammra b'mutur b'forza ta' aktar minn 50cm^3 jekk mgħammra b'mutur b'kombustjoni interna u, jew veloċità massima ta' sewqan ta' aktar minn 45 kilometru fis-siegħa, u tinkludi ċikletti bil-mutur, triċikletti bil-mutur u kwadriċikletti;

"ċikletta bil-mutur" tfisser kull vettura bil-mutur b'mhux iżjed minn żewġ roti, b'vettura żgħira mwaħħla mal-ġenb taċ-ċikletta jew mingħajr dik il-vettura żgħira, mgħammra b'mutur b'forza ta' aktar minn 50cm3 jekk mgħammra b'mutur b'kombustjoni interna u, jew veloċità massima ta' sewqan ta' aktar minn 45 kilometru fis-siegħa;

"dritt tal-liċenza għaċ-ċirkolazzjoni" tfisser id-dritt tal-liċenza għaċ-ċirkolazzjoni li jitħallas skont l-Att;

"Direttiva 70/156/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

"Direttiva 80/1268/KEE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 relatata mal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi b'mutur;

"Direttiva 1999/37/KE" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April, 1999 dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għal vetturi;

"Direttiva 2006/12/KE" tfisser id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April, 2006 dwar l-iskart;

"emissjonijiet CO_2" tfisser il-livell ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għal vettura mkejjel skont id-Direttiva 80/1268/KEE kif emendata u li jkun jinsab fiċ-ċertifikat tal-KE ta' approvazzjoni tat-tip jew fiċ-ċertifikat tal-KE ta' konformità rilevanti, u fejn il-vettura ma' tkunx tat-tip approvat, għal dik il-vettura partikolari l-livell ta' emissjonijiet li jkun jinsab f'xi dokument kif provdut taħt dawn ir-regolamenti li jkun juri livell ta' emissjonijiet komparabbli ma' dak li jinsab fl-Anness VIII tad-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata;

"faċilità ta' trattament awtorizzata" tfisser impriża jew stabbiliment fil-pussess ta' permess validu maħruġ mill-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar skont ir-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom);

"importata f'Malta" tfisser id-dħul f'Malta ta' vettura bil-mutur minn pajjiż terz;

"kiri jew kumpens" tfisser kull ħlas jew kumpens li jsir għall-ġarr ta' passiġġieri jew merkanzija, kemm jekk dak il-ħlas kemm jekk dak il-kumpens isir direttament jew indirettament;

"kumpanija" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

"kwadriċikletta" tfisser vettura bil-mutur b'erba' roti li l-piż tagħha meta ma tkunx mgħobbija ma jkunx aktar minn 400 kilogramma jew 550 kilogramma fir-rigward ta' vetturi intenzjonati għall-ġarr ta' merkanzija, mhux inkluż it-toqol tal-batteriji fir-rigward ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, u li l-veloċità massima maħsuba hi waħda ta' mhux iżjed minn 15-il kW;

"liċenza" tfisser il-liċenza ta' ċirkolazzjoni li tinħareġ fuq vettura bil-mutur biex tkun tista' tinsaq fit-triq u li tkun trid tiġġedded kull sena;

"marka ta' reġistrazzjoni" tfisser in-numru tar-reġistrazzjoni li jingħata lil vettura bil-mutur;

"miġjuba f'Malta" tfisser id-dħul f'Malta ta' vettura bil-mutur li tkun ġejja minn Stat Membru u li tkun tqiegħdet fis-suq f'dak l-Istat Membru qabel ma tkun daħlet f'Malta;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru reponsabbli mit-trasport fuq l-art;

"negozjant awtorizzat" tfisser persuna awtorizzata mill-Awtorità biex tbiegħ jew tixtri vetturi bil-mutur bi skop ta' qligħ;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma hux Stat Membru;

"piż gross tal-vettura (p.g.v.)" tfisser il-piż fit-triq speċifikat mill-fabbrikant bħala l-kapaċità massima ta' piż diżinjat tal-vettura, liema piż huwa it-total tal-piż tal-vettura, bit-tagħbija massima speċifikata, bis-sewwieq, u b'tank mimli bil-fuel;

"pjanċa tar-reġistrazzjoni" tfisser pjanċa jew tagħmir ieħor li juri l-marka tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

"reġistru" tfisser ir-rekord li l-Awtorità żżomm tal-vetturi reġistrati minnha;

"residenza normali" għandha l-istess tifsira kif attribwita lilha fl-Att; Kap. 442.

"sewwieq" tfisser persuna li ssuq vettura bil-mutur anki jekk għal perijodu qasir;

"sid" tfisser persuna, kemm bħala individwu kemm f'rappreżentanza ta' kumpanija, azjenda bi sħubija jew soċjetà kooperattiva, li jkun f'isimha li vettura bil-mutur tkun reġistrata u jkollha liċenza;

"soċjetà kooperattiva" tfisser soċjetà kooperattiva reġistrata jew reġistrata proviżorjament skont l-Att dwar is-Soċjetajiet Kooperattivi;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"taxxa tar-reġistrazzjoni" tfisser it-taxxa tar-reġistrazzjoni li tkun trid titħallas taħt l-Att;

"*taxicar*" tfisser vettura bil-mutur mgħammra b'*taximeter* u li tkun reġistrata u jkollha liċenza biex taħdem għall-kiri bħala *taxicar*;

"*trailer*" tfisser kull vettura mingħajr kapaċità mekkanika tagħha stess, iddisinjata biex tinġibed b'vettura bil-mutur u intenzjonata għall-ġarr ta' merkanzija;

"trattament" tfisser kull attività wara li l-vettura fi tmiem żmienha tiġi mgħoddija lil faċilità għat-trattament awtorizzat biex titnaddaf mit-tniġġis, tiżżarma, tingħafas bi pressjoni, titqatta' f'biċċiet, tiġi rkuprata jew imħejjija għar-rimi tal-iskart mit-tqattigħ ta' bċejjeċ, u kull operazzjoni oħra magħmula għall-irkuprar u, jew rimi tal-vettura fi tmiem żmienha u l-komponenti tagħha;

"triċikletta bil-mutur" tfisser ċikletta bil-mutur bi tliet roti rranġati b'mod simetriku;

"triq pubblika" tfisser kull triq nazzjonali arterjali, distributorja, ta' aċċess u aċċess lokali;

"uffiċjal awtorizzat biex jispezzjona" tfisser uffiċjal tal-Pulizija, gwardjan lokali jew uffiċjal tal-Awtorità;

"l-Unjoni Ewropea" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein; Kap.460.

"użu mill-ġdid" tfisser proċess li permezz tiegħu partijiet minn vetturi fi tmiem żmienhom jiġu użati għall-istess skop li għalih ikunu saru;

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li timxi weħidha mekkanikament li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq binarji, li l-veloċità tal-magna tagħha teċċedi l-45 kilometru fis-siegħa;

"vettura bil-mutur ġdida" tfisser, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, vettura bil-mutur li qatt ma tkun ġiet reġistrata qabel f'ebda pajjiż;

"vettura bil-mutur għal kiri fit-tul" tfisser vettura bil-mutur b'marka tar-reġistrazzjoni li tkun turi l-ittri QZ bħala l-aħħar żewġ ittri, li tkun reġistrata u li jkollha liċenza biex tinkera bl-iskop li tinsaq minn min jikriha jew minn persuna awtorizzata minn min jikriha għal kull perijodu ta' żmien;

"vettura bil-mutur li tkun se tinbiegħ mill-ġdid" tfisser vettura bil-mutur li tkun ġiet trasferita lil bejjiegħ ta' vetturi bil-mutur awtorizzat biex tkun tista' terġa' tinbiegħ;

"vetturi bil-mutur mibnija minn dilettant" tfisser vettura mibnija għall-użu personali ta' individwu u –

(a) il-bini jew l-immuntar tagħha jew parti sostanzjali minnha tkun saret mill-individwu u, jew persuni li kienu qegħdin jaġixxu f'ismu, u

(b) l-individwu u, jew il-persuni l-oħra li kienu qegħdin jaġixxu f'ismu matul iż-żmien li fih kienet qiegħda tinbena jew kienet qed tiġi mmuntata ma kellhomx negozju li fih normalment ma jkunux mibnija jew immuntati vetturi bil-mutur;

Vettura mibnija minn dilettant tkun kunsidrata li hi vettura ġdida jekk, minn tal-anqas, il-partijiet tal-vettura li ġejjin ikunu ġodda: ix-*chassis*, il-magna, il-mekkaniżmu tal-i*steering*, il-fusien u l-*gearbox*;

"vettura bil-mutur *self-drive*" tfisser vettura bil-mutur li tkun reġistrata u jkollha liċenza biex tinkera minn operatur ta' garaxx ta' kiri pubbliku għall-iskop li tinsaq minn min jikriha;

"vettura bil-mutur użata" tfisser vettura bil-mutur li ma tkunx vettura ġdida;

"vettura għall-ġarr ta' merkanzija" jew "vettura tal-merkanzija" tfisser kull vettura bil-mutur N1, jew N2 jew N3;

"vettura fi tmiem żmienha" tfisser vettura li hi skart skont it-tifsira tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 75/442/KEE;

"vettura għall-ġarr tal-mejtin" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' kadavri;

"vettura għal kiri pubbliku" tfisser vettura għal kiri pubbliku li tinsaq mill-operatur tas-servizz jew minn persuna li tkun taħdem miegħu;

"vettura għat-trasport pubbliku" tfisser vettura bil-mutur użata jew intiża li tkun użata għal-fini ta' ġarr ta' passiġġieri b'kiri jew b'kumpens;

"vettura li ma tintużax fit-triq" tfisser vettura bil-mutur iddisinjata u mibnija primarjament għall-użu mhux fit-toroq;

"vettura M1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili għal mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tax-xufier;

"vettura M2" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha piż massimu ta' mhux iżjed minn 5 tunnellati;

"vettura M3" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, b'iżjed minn tmien sedili minbarra s-sedil tax-xufier, u li jkollha piż massimu ta' iżjed minn 5 tunnellati; A.L. 162 tal-2003.

"vettura mibnija mill-ġdid" tfisser vettura bil-mutur li tkun ġiet mibnija mill-ġdid billi jkunu ntużaw xażi mibdul jew xażi jew *body* integrat li jkun tal-istess disinn u kostruzzjoni bħal dak tal-vettura oriġinali u li jkun inkiseb għal dak l-iskop bla ma kien intuza qabel, jew li qabel kien jagħmel parti minn vettura reġistrata. Għall-finijiet ta' reġistrazzjoni hi għandha tkun kunsidrata bħala vettura użata;

"vettura N1" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati;

"vettura N2" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha piż massimu ta' aktar minn 3.5 tunnellati iżda ta' mhux iżjed minn 12-il tunnellata;

"vettura N3" tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha piż massimu ta' aktar minn 12-il tunnellata;

"vetturi O1, O2, O3 u O4" għandhom l-istess tifsira attribwita lilhom fir-Regolamenti tal-2003 dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur.

Taqsima II

REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI BIL-MUTUR

Il-vetturi bil-mutur għandhom ikunu reġistrati

3. Ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata mal-Awtorità sakemm –

(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew negozjant tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma tkunx qed tiġi użata fit-triq, jew

(b) il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt l-Att.

Reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda.

4. (1) Għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda, is-sid jew l-importatur ta' vettura bil-mutur ġdida jkun meħtieġ jgħaddi lill-Awtorità l-Formola għar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi Ġodda (il-Formola VEH. 01), mimlija kif imiss, flimkien mad-dokumenti li ġejjin:

(a) Ċertifikat ta' Konformità fir-rigward ta' vetturi M1 u ċikletti,

(b) prova ta' ħlas ta' dazju lid-Dwana jekk il-vettura ġiet importata minn pajjiż terz,

(ċ) dettalji tekniċi tal-vettura jekk din tkun vettura għall-ġarr ta' merkanzija jew kull vettura bil-mutur oħra li ma tkunx vettura M1 jew ċikletta, inkluż il-pajjiż ta' oriġini,

(d) fattura, maħruġa mill-manifattur jew mill-aġent awtorizzat tal-manifattur, li tkun turi kemm swiet il-vettura u, fir-rigward ta' vettura għall-ġarr tal-merkanzija jew vettura li ma tintużax fit-triq, il-qawwa tal-magna, il-piż gross tal-vettura, u dokumenti oħra li jkunu juru l-prezz CIF,

(e) dokumentazzjoni li tikkonferma l-isem u l-indirizz tiegħu:

Iżda meta vettura bil-mutur ġdida tiġi impurtata jew miġjuba b'mod permanenti minn persuna għall-użu personali tagħha, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura bil-mutur flimkien mad-dokumenti meħtieġa għandha tasal għand l-Awtorità fi żmien ħmistax-il jum minn meta l-vettura bil-mutur tkun waslet Malta:

Iżda wkoll, li meta dik il-persuna, għal raġunijiet mhux ġustifikati, tonqos milli tikkonforma ruħha mal-proviso ta' qabel dan, hi tista' teħel multa amministrattiva ta' €30 għal kull ġurnata li l-vettura tibqa' ma tiġix reġistrata wara li jiskadu dawk il-ħmistax-il jum.

(2) Ir-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda għandha ssir biss –

(a) fir-rigward ta' vettura bil-mutur ġdida miġjuba minn Stat Membru, meta jkunu preżentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u meta jsir il-ħlas ta' -

i. dritt amministrattiv ta' €10 pagabbli lill-Awtorità,

ii. it-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas skont l-Att, u

iii. il-VAT li għandha titħallas skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406.

(b) fir-rigward ta' vettura bil-mutur ġdida importata minn pajjiż terz, meta jkunu ppreżentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u meta jsir il-ħlas ta' -

i. dritt amministrattiv ta' €10 pagabbli lill-Awtorità,

ii. it-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandha titħallas,

Kap. 337.

iii. id-dazju li għandu jitħallas skont l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, u

iv. il-VAT li għandha titħallas;

(ċ) fir-rigward ta' vetturi bil-mutur mibnija f'Malta mhux f'volum baxx, meta jkunu preżentati ċ-Ċertifikat ta' Konformità jekk il-vettura bil-mutur tkun vettura M1 jew ċikletta bil-mutur jew ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Vettura Waħidha jekk il-vetturi bil-mutur ikunu ġew manifatturati f'volumi baxxi jew fir-rigward ta' vetturi mibnija minn dilettant, fatturi li jkunu juru n-nefqa tal-produzzjoni tal-vettura bil-mutur eskluża l-VAT u meta jsir il-ħlas ta' -

i. dritt amministrattiv ta' €10 pagabbli lill-Awtorità,

ii. it-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vettura,

iii. il-VAT:

Iżda fejn is-sid tal-vettura jkun persuna eżentata mill-ħlas tal-imsemmija taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi jew mill-ħlas ta' dazju skont l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, jew mill-ħlas tal-VAT, ir-reġistrazzjoni tal-vettura għandha ssir meta jsir il-ħlas ta' dritt amministrattiv ta' €10 pagabbli lill-Awtorità, u jkunu preżentati d-dokumenti msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) (ċ) ta' dan ir-regolament.

(3) Qabel ma tirreġistra vettura bil-mutur taħt dan ir-regolament, l-Awtorità tista' titlob lis-sid jew lill-importatur ta' dik il-vettura biex jipproduċi l-vettura għal spezzjoni jew biex jipproduċi dokumenti oħra kif meħtieġ. Għall-ispezzjoni għandu jitħallas dritt amministrattiv ta' €35.

(4) Vettura bil-mutur ġdida li tkun ġiet importata jew miġjuba f'Malta tista' tintuża fit-triq biss, qabel ma tiġi reġistrata mill-Awtorità, mill-port fejn tkun daħlet sal-post fejn tkun se tiġi

garaxxjata sakemm tiġi reġistrata u tingħata liċenza, jekk dik il-vettura jkollha pjanċa '*Trial Run*' skont ir-regolament 36 ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal vettura li tkun proprjetà ta' forza militari li tkun għal żjara f'Malta.

Xażi impurtat għandu jiġi dikjarat.

5. Meta x-xażi ta' vettura, kemm jekk ġdid kemm jekk użat, li jkun ġie importat jew miġjub f'Malta, jintuża minflok ix-xażi ta' vettura bil-mutur li tkun diġà ġiet reġistrata mal-Awtorità, is-sid ta' dik il-vettura bil-mutur għandu, fi żmien sebat ijiem, jgħarraf lill-Awtorità fuq il-formola preskritta b'dak it-tibdil.

Reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur użati.

6. (1) Kull vettura bil-mutur użata li tkun importata jew miġjuba f'Malta minn persuna li tkun residenti f'Malta jew li jkollha r-residenza normali tagħha f'Malta jew li jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha f'Malta u kull vettura bil-mutur li tkun ġiet mibnija mill-ġdid jew vettura li tkun inbniet minn dilettant u li tkun klassifikata bħala vettura użata għandhom jiġu reġistrati mal-Awtorità.

(2) Persuna li timporta jew iġġib f'Malta vettura bil-mutur użata skont ma jingħad f'dan ir-regolament għandha, fi żmien ħmistax-il jum minn meta l-vettura tkun waslet Malta, tippreżenta applikazzjoni u tipprovdi d-dokumenti kollha rilevanti skont ma jipprovdi s-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, lill-Awtorità għar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura.

(3) Meta persuna, li ma tkunx negozjant awtorizzat, tonqos, għal raġunijiet mhux ġustifikati, milli tikkonforma mas-subregolament ta' qabel dan, hi tista' teħel multa amministrattiva ta' €30 għal kull ġurnata li l-vettura tibqa' ma tiġix reġistrata wara li jgħaddu dawk il-ħmistax-il jum imsemmija fis-subregolament (2) hawn qabel.

(4) Għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta jew vettura bil-mutur li tkun ġiet mibnija mill-ġdid jew vettura li tkun inbniet minn dilettant, is-sid jew l-importatur jew in-negozjant awtorizzat ta' dik il-vettura għandu jgħaddi lill-Awtorità l-Formola għar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi Użati (VEH 01), mimlija kif imiss, flimkien mad-dokumenti li ġejjin:

(a) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura u, fejn adatt, traduzzjoni bl-Ingliż jew bil-Malti tiegħu, maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż minn fejn il-vettura tkun ġiet impurtata jew tkun inġiebet f'Malta,

(b) fir-rigward ta' vetturi M2, M3, N1, N2, N3, O1, O2, O3 u O4 fattura li tkun turi l-prezz, in-numru tax-xażi, il-qawwa tal-magna u l-piż gross tal-vettura, dikjarazzjoni tal-oriġini u dettalji jew speċifikazzjonijiet tekniċi,

(ċ) ċertifikat li jkun juri li l-vettura hi tajba għat-triq maħruġ skont ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba għat-Triq,

A.L. 126 tal-1998.

(d) il-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura,

(e) il-formola ta' spezzjoni maħruġa mill-Awtorità dwar il-valutazzjoni ta' vettura, fejn ikun japplika,

(f) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Waħidha fir-rigward ta' vettura M1 jew ċikletta li tkun ġiet impurtata minn pajjiż terz,

(g) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Waħidha skont standards stabbiliti mill-Awtorità fir-rigward ta' vetturi N1 4-*wheel-drive* b'p.g.v. ta' mhux aktar minn 3,000 kgs li jkunu ġew impurtati minn pajjiż terz, jew fir-rigward ta' vetturi bil-mutur mibnija mill-ġdid jew vetturi bil-mutur mibnija minn dilettant,

(h) fir-rigward ta' vetturi M1 u N1 impurtati minn pajjiż terz, Ċertifikat ta' Awtentiċità maħruġ minn korp akkreditat mill-Awtorità u li jkun juri li l-vettura jkollha odometer reading awtentiku,

(i) dokumentazzjoni li tikkonferma l-isem u l-indirizz tiegħu,

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta, jew ta' vettura li tkun inbniet mill-ġdid jew vettura li tkun inbniet minn dilettant għandha ssir mill-Awtorità wara li l-Awtorità toħroġ formola tal-ispezzjoni u wara li jitħallas id-dritt ta' €35 għall-ispezzjoni u wara li jitħallas mis-sid, l-importatur jew in-negozjant awtorizzat id-dritt amministrattiv ta' €10 pagabbli lill-Awtorità, u wara -

(a) li jiġu preżentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament u titħallas it-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi preskritta, jekk il-vettura tkun ġiet akkwistata minn Stat Membru, jew jekk tkun vettura li tkun inbniet mill-ġdid jew vettura mibnija minn dilettant, u

(b) li jiġu preżentati d-dokumenti msemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament u jitħallsu d-dazju ta' importazzjoni li għandu jitħallas skont l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, u t-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi preskritta, jekk il-vettura tkun ġiet akkwistata minn pajjiż terz.

(6) Is-sid jew importatur ta' vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta u li ma tkunx vettura M1 jew ċikletta bil-mutur għandu jagħmel dik il-vettura disponibbli għall-ispezzjoni u l-valutazzjoni mill-Awtorità qabel ma dik il-vettura tiġi reġistrata mal-Awtorità.

(7) Vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta tista' tiġi użata biss fit-triq, qabel ma tiġi reġistrata mill-Awtorità, mill-port fejn tkun daħlet sal-post fejn tkun se tiġi garaxxjata sakemm tiġi reġistrata u tingħata liċenza, u lejn u minn garaxx fejn ikunu jistgħu jsirulha tiswijiet jekk dik il-vettura, meta ssirilha spezzjoni, ma tgħaddix mit-test li hi tajba għat-triq, jekk dik il-vettura jkollha reġistrazzjoni valida u jkollha mwaħħla pjanċa ta' reġistrazzjoni maħruġa fil-pajjiż fejn kienet reġistrata qabel u tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Dik il-vettura tkun tista' tinsaq ukoll jekk ikollha pjanċa '*Trial Run*' skont ir-regolament 36 ta' dawn ir-regolamenti

(8) Meta s-sid jew l-importatur jew in-negozjant awtorizzat ta' vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta jew il-vettura nnifisha ma jissodisfawx id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, dik il-vettura għandha tiġi esportata mill-ġdid jew imneħħija f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet kif l-Awtorità tista' tiddeċiedi.

(9) Meta l-vettura bil-mutur ma tiġix esportata mill-ġdid jew imneħħija kif provdut fis-subregolament (8) ta' dan ir-regolament, jew meta l-vettura ma tkunx ġiet preżentata għall-eżami skont id-disposizzjonijiet tas-subregolament (6) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' tieħu pussess tal-vettura u tista' tneħħiha mill-post fejn tkun qiegħda tinżamm u tqegħidha f'post

magħżul mill-Awtorità, u s-sid għandu jkun obbligat li jħallas lill-Awtorità dak id-dritt għat-tneħħija u l-ħażna kif stabbilit fir-
A.L. 94 tal-1997. Regolamenti tal-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru, u multa amministrattiva ta' €35.

(10) Meta l-Awtorità, bis-saħħa ta' dan ir-regolament, tirrifjuta li tirreġistra vettura, hi għandha tavża lill-persuna li tkun tidher li hi s-sid, importatur jew negozjant awtorizzat tal-vettura bid-deċiżjoni li tkun ħadet.

(11) Meta l-Awtorità tirrifjuta li tirreġistra vettura bil-mutur, il-persuna li tkun tidher li hi s-sid, importatur jew negozjant awtorizzat jista' jappella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni
Kap. 490. Amministrattiva, skont il-proċedura stabbilita fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrativa.

(12) (a) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (9) ta' dan ir-regolament, fejn l-Awtorità jkollha suspett raġjonevoli li vettura bil-mutur tkun fit-triq bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tieħu pussess ta', tneħħi u taħżen l-imsemmija vettura skont ir-Regolamenti tal-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru, u għandha titlob lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipproċedi kontra s-sid reġistrat jew il-persuna li jkollha l-pussess tal-vettura.

(b) Dik il-vettura m'għandhiex titreġġalura lis-sid reġistrat jew lill-persuna li jkollha l-pussess tal-vettura kemm-il darba u sakemm dik il-persuna ma tinsabx ħatja mill-Qorti tal-offiża allegata, jew jekk tkun irrimedjat il-pożizzjoni tagħha skont il-liġi u tkun ħallset it-taxxa tar-reġistrazzjoni u xi drittijiet oħra dovuti, inklużi drittijiet għat-tneħħija u l-ħażna tal-vettura stipulati fl-imsemmija Regolamenti tal-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru u dritt amministrattiv ta' €35.

(ċ) Il-fatt li s-sid tal-vettura jew il-persuna li jkollha l-pussess tal-vettura tinħeles mill-akkużi miġjuba kontriha m'għandux jagħti lok għad-dritt ta' talba għad-danni kontra l-Awtorità jew il-Kummissarju tal-Pulizija, jew it-tnejn li huma, sakemm ma jiġix ippruvat li l-Awtorità tkun aġixxit b'malizzja meta tkun talbet it-tneħħija tal-vettura:

Iżda, il-proċeduri dwar il-ksur in kwistjoni għandhom jinbdew mhux aktar tard minn erbatax-il ġurnata mid-data

li fiha tkun tneħħiet il-vettura, u meta s-sid reġistrat jew il-persuna li jkollha l-pussess tal-vettura ma tkunx magħrufa, il-perijodu ta' erbatax-il ġurnata għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha jiġi identifikat is-sid jew il-pussessur.

Ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

7. (1) Meta tirreġistra vettura bil-mutur, l-Awtorità għandha toħroġ lis-sid ċertifikat ta' reġistrazzjoni bid-dettalji tal-vettura f'konformità mad-Direttiva 1999/37/KE kif emendata dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.

(2) Meta s-sid tal-vettura bil-mutur jiġi mogħti ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, is-sid għandu jara li dak id-dokument jinżamm f'kull ħin f'dik il-vettura waqt li tkun qed tintuża fit-triq la darba dik il-vettura tkun ġiet reġistrata skont dawn ir-regolamenti.

Wiri taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura meta mitlub.

8. Ebda vettura ma għandha tinsaq fit-triq kemm-il darba s-sewwieq tagħha ma jġorrx miegħu ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' dik il-vettura, liema ċertifikat għandu jurih meta jiġi mitlub lil kull uffiċjal awtorizzat biex jispezzjona.

Tibdil f'vettura.

9. Meta jsir xi tibdil f'vettura li jista' jolqot id-dettalji fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwar dik il-vettura, inkluż tibdil fil-kulur tal-vettura, is-sid tal-vettura għandu jinforma lill-Awtorità dwar dak it-tibdil fuq il-formola li tkun applikabbli u fl-istess ħin għandu jippreżenta lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni biex isir it-tibdil meħtieġ fih. Għandu jsir ħlas ta' dritt amministrattiv ta' €6 għall-ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Tkissir jew esportazzjoni permanenti.

10. Meta vettura bil-mutur, reġistrata skont dawn ir-regolamenti, tiġi garaxxata, skrappjata, meqruda, żarmata, issirilha ħsara li ma tissewhiex, tintilef jew titneħħa b'mod permanenti minn Malta, is-sid għandu minnufih jinforma lill-Awtorità u għandu jagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Tibdil fl-isem jew l-indirizz tas-sid.

11. Meta jkun hemm tibdil fl-isem u fil-kunjom u fl-indirizz ta' residenza, is-sid ta' vettura bil-mutur għandu minnufih jinforma lill-Awtorità u għandu jgħaddilha ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura biex isir it-tibdil meħtieġ fih. Għandu jsir ħlas ta' dritt amministrattiv ta' €6 għall-ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Għoti ta' informazzjoni.

12. L-Awtorità tista' tgħaddi kull dettal li żżomm fir-reġistru lill-Pulizija jew lill-gwardjani lokali jew lill-awtorità ġudizzjarja

jew lil kull awtorità oħra responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' vetturi jew għall-infurzar ta' regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur fi Stat Membru għal kull skop marbut ma' reati jew kontravenzjonijiet tat-traffiku u tar-regolamenti dwar vetturi bil-mutur, jew lil xi persuna oħra li tissodisfa lill-Awtorità li għandha tassew għaliex tkun teħtieġ dawk id-dettalji.

Taqsima III

LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR

Ħtieġa taliċenza ta' ċirkolazzjoni.

13. (1) Ebda vettura bil-mutur ma għandha tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenza maħruġa mill-Awtorità u mġedda kull sena jekk il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti skont id-disposizzjonijiet tal-Att.

(2) Vettura bil-mutur għandha biss tingħata liċenza mill-Awtorità biex tintuża fit-triq jekk dik il-vettura tkun koperta b'ċertifikat ta' reġistrazzjoni u polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' riskji ta' terzi persuni f'konformità mal-ħtiġiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni.

Kap. 104.

(3) Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkun jixtieq li jikseb liċenza għal dik il-vettura għandu japplika permezz tal-formola preskritta lill-Awtorità. L-applikazzjoni msemmija tista' tiġi ffirmata mis-sid jew minn aġent awtorizzat li jkun qed jaġixxi f'ismu.

Ħruġ taliċenzi.

14. (1) Meta l-Awtorità tirċievi applikazzjoni għal liċenza skont ir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti u tara li l-applikant jissodisfa l-ħtiġiet kollha u wara li s-sid iħallas id-drittijiet rilevanti stabbiliti fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att, l-Awtorità tista' toħroġ lis-sid tal-vettura bil-mutur d-diska tal-liċenza li tappartjeni lil dik il-vettura.

(2) Id-diska tal-liċenza msemmija fis-subregolament (1) ta' dawn ir-regolamenti għandha turi l-marka ta' identifikazzjoni tal-vettura u d-data tal-iskadenza tal-liċenza.

(3) Is-sid ta' kull vettura bil-mutur li tkun inħarġitilha liċenza għandu jara li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti dwar is-sospensjoni, l-irtirar jew tħassir

taliċenza, dik il-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità:

Iżda jekk sid ta' vettura bil-mutur, qabel ma tiskadi l-validità tal-liċenza relattiva, jgħarraf bil-miktub lill-imsemmija Awtorità li l-vettura ma tkunx se tintuża fit-triq għal perijodu ta' żmien li jibda fid-data tal-imsemmija skadenza u li tkun se titqiegħed f'garaxx f'post speċifikat matul l-imsemmi perijodu li ma tkunx se tintuża, u kemm-il darba wkoll l-imsemmi sid jagħti lill-imsemmija Awtorità ċ-ċertifikat relattiv tal-vettura bil-mutur u l-pjanċi tan-numru tal-vettura bil-mutur relattiva, l-imsemmi sid ma jkunx obbligat iġedded il-liċenza relattiva dwar l-imsemmi perijodu ta' żmien.

(4) Meta s-sid ta' vettura bil-mutur, li tkun inħarġitilha liċenza mill-Awtorità, jonqos milli jġedded il-liċenza li tkun tapplika għal dik il-vettura fi żmien tliet xhur minn meta tiskadi l-liċenza tal-vettura, hu jkun dovut iħallas multa amministrattiva, pagabbli lill-Awtorità, ta' €2 għal kull ġurnata li d-dritt għal liċenza li jkun japplika jibqa' mhux imħallas, minkejja kull azzjoni oħra li tista' tittieħed skont r-Regolamenti tal-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru.

(5) Meta vettura bil-mutur tkun fit-triq bla ma jkollha d-diska tal-liċenza, il-Kummissarju tal-Pulizija jew il-Kunsill Lokali jista' jneħħi dik il-vettura mit-triq skont m'hemm fir-Regolamenti tal-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru.

Liċenza għal vetturi bil-mutur għall-ġarr ta' kadavri.

15. Ebda vettura bil-mutur ma għandha tiġi reġistrata u tinħarġilha liċenza biex tintuża għall-ġarr ta' kadavri sakemm il-vettura ma tkunx mibnija f'dik l-għamla u ma jkollhiex dik l-għamara, tagħmir u lampi kif jista' jkun ordnat mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

Drittijiet tal-liċenza.

16. Id-drittijiet tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni għad-diversi klassijiet ta' vetturi bil-mutur huma dawk stabbiliti fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att.

Il-pożizzjoni tad-diska tal-liċenza ta' vettura.

17. (1) Id-diska tal-liċenza maħruġa fir-rigward ta' vettura għandha tinġarr fil-vettura f'kull ħin li l-vettura tkun qed tiġi użata, ipparkjata jew xort'oħra miżmuma f'xi ħin f'post pubbliku.

(2) (a) F'kull vettura mgħammra b'*windscreen* tal-

ħġieġ id-diska tal-liċenza għandha titwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tkun tidher minn quddiem;

(b) fir-rigward ta' ċikletta bil-mutur, triċikletta bil-mutur, *quad bike* jew vettura bil-mutur għall-invalidi, id-diska tal-liċenza għandha titwaħħal fuq ix-xellug tal-vettura.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw għal xi vettura bil-mutur assenjata lil Ministru u li jkollha, minflok in-numru ta' identità, l-ittri G.M.

Kliem-il liċenza għandu jinqara faċilment.

18. Is-sid, is-sewwieq u, jew min ikun inkarigat minn vettura bil-mutur għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-imsemmija diska tal-liċenza tinżamm il-ħin kollu b'mod li dak li fiha jkun jista' jinqara faċilment.

Tiġdid jew trasferiment taliċenza.

19. Meta persuna tapplika għat-tiġdid ta', jew għat-trasferiment ta' xi liċenza dwar vettura bil-mutur, din għandha tagħti, jekk hekk mitluba mill-Awtorità, dawk id-dettalji dwar il-vettura bil-mutur li jkunu jinsabu fil-formola mogħtija lilha għalhekk, mill-imsemmija Awtorità.

Liċenza partikolari għal kull vettura.

20. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 25 ta' dawn ir-regolamenti, il-liċenza maħruġa dwar vettura bil-mutur partikolari m'għandhiex tiġi użata għal xi vettura bil-mutur oħra u għandha tkun soġġetta għal kull regolament fis-seħħ meta tinħareġ il-liċenza. Dawn il-liċenzi għandhom joħorġu biss f'isem persuna waħda.

Validità taliċenzi.

21. (1) Liċenzi maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġġeddu kull sena mal-ħlas tad-drittijiet rilevanti kif provdut fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att u l-preżentazzjoni ta' kopja tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura.

(2) Fejn is-sid reġistrat ta' vettura bil-mutur, qabel ma tiskadi l-validità tal-liċenza tal-vettura, jgħarraf lill-Awtorità li l-vettura ma tkunx ser tintuża fit-triq u li tkun ser titqiegħed f'garaxx matul l-imsemmi perijodu li ma tkunx ser tintuża, u kemm-il darba wkoll l-imsemmi sid jagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u l-pjanċi tal-vettura, il-liċenza ta' dik il-vettura tista' tibqa' ma tiġġeddidx wara li tkun skadiet sa dak iż-żmien li tibqa' miżmuma f'garaxx. L-Awtorità għandha tagħti lura lis-sid iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni u l-pjanċi ta' dik il-vettura lis-sid mat-tiġdid tal-liċenza tal-imsemmija vettura.

(3) (a) Ħlas lura dwar id-dritt taliċenza ta' ċirkolazzjoni għandu jingħata mill-Awtorità jekk jiġi pruvat għas-sodisfazzjon tagħha li dik il-vettura tkun ġiet skrappjata, jew garaxxata jew tkun ġiet misruqa u ma nstabitx matul iż-żmien li fih il-liċenza relattiva tkun fis-seħħ jew tkun ġiet esportata u ma tkunx reġgħet ġiet importata jew inġiebet f'Malta matul iż-żmien li fih il-liċenza relattiva tkun fis-seħħ.

(b) Kull ħlas lura kif imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament għandu jkun ta' kwart wieħed jew iżjed tad-dritt li jkun tħallas għal-liċenza li għandu jkun jikkorrispondi għall-kwart jew kwarti sħaħ tas-sena jew tal-perijodu li għalih il-liċenza tkun ġiet maħruġa matul liema sena jew perijodu l-vettura tkun ġiet skrappjata, misruqa jew esportata.

(4) (a) Meta l-liċenza ta' vettura bil-mutur li tkun se tinbiegħ mill-ġdid tiskadi waqt li l-vettura tkun għadha fil-pussess tan-negozjant awtorizzat, il-liċenza tista' ma tiġix imġedda sakemm il-vettura tibqa' fil-pussess tal-imsemmi negozjant:

Iżda, dik il-vettura m'għandhiex tintuża fit-triq sakemm il-liċenza tagħha ma tiġix imġedda.

(b) Il-liċenza ta' ċirkolazzjoni ta' vettura bil-mutur li tkun se tinbiegħ mill-ġdid għandha tiġġedded meta jsir it-trasferiment ta' dik il-vettura mingħand in-negozjant awtorizzat lix-xerrej u għandu jitħallas id-dritt tal-liċenza li jkun japplika għal dik il-vettura mid-data li fiha jsir it-trasferiment.

Tneħħija ta' liċenza ta' vettura.

22. (1) Liċenza ta' vettura bil-mutur tista' tiġi irtirata jekk il-vettura tkun dikjarata li ma hix tajba biex tintuża fit-triq. L-imsemmija liċenza għandha tkun irritornata jew, jekk skadiet, għandha tkun imġedda meta l-vettura bil-mutur tinġieb fi stat li jissodisfa lill-Awtorità.

(2) Liċenza ta' vettura bil-mutur tista' wkoll tiġi irtirata b'ordni magħmula mill-Qorti jew minn Tribunal kompetenti.

(3) Liċenzi maħruġa taħt dawn ir-regolamenti jistgħu jitħassru jew jinżammu mill-Awtorità għal perijodu ta' mhux iżjed minn xahar meta dan ikun meħtieġ fl-interess tas-sigurtà pubblika jew l-ordni pubbliku.

(4) Jekk detentur taliċenza ta' vettura bil-mutur juża l-imsemmija vettura bil-mutur jew iħalli jew jippermetti lil min

juża l-imsemmija vettura fiż-żmien li l-liċenza tal-vettura tkun sospiża, il-liċenza tista' tiġi mħassra.

(5) Meta l-Awtorità tissospendi jew tirtira liċenza ta' vettura bil-mutur, il-persuna li tkun tidher li hi s-sid tkun tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont il-proċedura stabbilita fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Sospensjoni taliċenza ta' vettura għat-trasport ta' passiġġieri.

23. Kull vettura bil-mutur li jkollha liċenza għall-ġarr ta' passiġġieri b'kera jew b'kumpens tista' tkun sospiża jekk isir kull tibdil li jkun, ta' kull xorta, f'xi vettura li taħdem għall-ġarr ta' passiġġieri b'kera jew b'kumpens mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità:

Iżda f'każi speċjali u f'ċirkostanzi speċjali l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għat-trasport pubbliku, tiddeċiedi xort'oħra.

Il-vettura għandha tintuża skont il-liċenza li jkollha.

24. Is-sid u, jew min ikun inkarigat minn vettura bil-mutur ma għandux joqgħod jew iħalli lil din il-vettura bil-mutur tintuża għal finijiet oħra barra minn dawk li għalihom tkun liċenzata.

Taqsima IV

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI RELATATI MAR-REĠISTRAZZJONI U LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR

Liċenza u ċertifikat duplikati.

25. (1) Meta d-diska tal-liċenza jew iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur ikun jew jista' jkun intilef, tqatta', insteraq jew itgħarraq, jew ikun fih xi dettalji li ma jkunux għadhom jinqraw, is-sid tal-vettura għandu japplika għand l-Awtorità għall-ħruġ ta' kopja taliċenza jew għall-kopja ta' ċertifikat ta' reġstrazzjoni, skont ma jkun il-każ.

(2) Flimkien mal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' kopja taliċenza jew għal kopja ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni għandu jitħallas dritt ta' €6, u tkun ukoll preżentata d-diska tal-liċenza jew iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jkunu se jinbidlu jekk ir-raġuni tat-tibdil tkun li l-liċenza jew iċ-ċertifikat ikunu ġew mgħarrqa jew ikun fihom dettalji li m'għadhomx jinqraw.

(3) L-Awtorità għandha toħroġ kopja ta' diska tal-liċenza jew kopja ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur jekk hi tkun sodisfatta li d-diska tal-liċenza jew iċ-ċertifikat

ta' reġistrazzjoni, skont ma jkun il-każ, ikunu ntilfu, tqattgħu, insterqu jew ġew mgħarrqa:

Iżda l-imsemmija Awtorità tista', qabel ma toħroġ dik il-kopja taliċenza jew il-kopja ta' ċertifikat, titlob il-produzzjoni ta' affidavit ġuramentat bħala prova għal dak it-telfien, tqattigħ, serq jew tgħarriq. Meta dak l-affidavit jiġi maħluf quddiem uffiċjal tal-Awtorità għandha titħallas multa amministrattiva ta' €7.

(4) Jekk il-kopja tad-diska tal-liċenza jew il-kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkunu nħarġu għaliex id-diska tal-liċenza oriġinali jew iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkunu jew jista' jkun li ntilfu jew insterqu, u l-liċenza oriġinali jew iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni oriġinali jkunu nstabu jew ikunu ġew rkuprati, is-sid jew il-persuna li tkun sabet l-imsemmi dokument għandu minnufih irodd lura lill-Awtorità d-diska tal-liċenza oriġinali jew iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Reġistrazzjoni u liċenzjar proviżorju ta' vetturi bil-mutur.

26. L-Awtorità għandha toħroġ lis-sid ta' vettura bil-mutur ġdida mixtrija f'Malta għal skop ta' esportazzjoni, ċertifikat ta' reġistrazzjoni, pjanċa ta' reġistrazzjoni u diska tal-liċenza proviżorji jekk is-sid ta' dik il-vettura jkun se jsuq dik il-vettura barra minn Malta sad-destinazzjoni tagħha barra minn Malta:

Iżda l-ammont ta' dritt tal-liċenza li għandu jitħallas fir-rigward ta' dik il-vettura għandu jkun bir-rata ta' 12 fil-mija tad-dritt annwali tal-liċenza li jkun japplika għal dik il-vettura għal kull xahar mill-perijodu li fih il-vettura jkollha liċenza proviżorja. Dak il-perijodu li fih il-vettura jkollha liċenza proviżorja m'għandux ikun anqas minn xahar.

Trasferiment ta' vetturi bil-mutur u taliċenzi.

27. (1) Kull persuna li tiftiehem li tbiegħ, jew tkun tbiegħet, jew xort'oħra tneħħi l-vettura bil-mutur tagħha, għandha, fi żmien sebat ijiem, tavża bil-miktub dwar dan lill-Awtorità, fejn tinkludi l-isem u l-indirizz tal-persuna li tixtri, jew tiftiehem li tixtri, l-imsemmija vettura bil-mutur u għandha wkoll tagħti lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni relattiv.

(2) (a) Kull persuna li tbiegħ jew xort'oħra tittrasferixxi lil xi persuna oħra xi vettura bil-mutur, għandha timla kif suppost u tgħaddi lill-Awtorità l-Formola dwar it-Trasferiment ta' Vetturi li tinsab maċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. L-Awtorità għandha mbagħad toħroġ liċenza għall-vettura f'isem is-sid il-ġdid u għandha toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid lis-sid il-ġdid.

(b) Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni l-ġdid għandu jinħareġ lis-sid il-ġdid wara li jsir il-ħlas tad-dritt amministrattiv ta' €6.

(3) L-Awtorità tista', għal raġunijiet ta' interess pubbliku, iżżomm it-trasferiment ta' vettura għat-trasport pubbliku:

Iżda fejn l-Awtorità żżomm dak it-trasferiment, il-persuna li tkun tidher li hi s-sid reġistrat jew is-sid prospettiv tkun tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont il-proċedura stabbilita fl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

(4) Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura bil-mutur għandu jfisser it-trasferiment tal-vettura bil-mutur iżda dak li kellu l-liċenza qabel għandu jibqa', għall-finijiet kollha tal-liġi, responsabbli sakemm iwettaq id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u l-avviż li jkun hekk ta, għandu jkun insab mill-Awtorità li jkun sew u korrett.

(5) Vettura M3 li tkun ġiet reġistrata u li tkun inħarġitilha liċenza biex tintuża għall-ġarr ta' passiġġieri b'kiri jew kumpens, ma tistax tinbiegħ jew tiġi trasferita separatament mil-liċenza tagħha lil persuna oħra, lanqas ma tistaliċenza dwar vettura bħal dik tiġi trasferita separatament mil-liċenza relattiva:

Iżda, l-Awtorità ma għandhiex tħalli li jsir it-trasferiment ta' xi vettura M3 li tkun ġiet reġistrata u li tkun inħarġitilha liċenza biex tintuża għall-ġarr ta' passiġġieri b'kiri jew kumpens jew tal-liċenza relattiva jekk il-prezz jew il-kumpens li jitħallas minn min lilu jsir it-trasferiment dwar dak it-trasferiment ma jitqiesx li jkun wieħed ġust u xieraq.

(6) Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura għat-trasport pubbliku ma għandux jinftiehem bħala trasferiment tal-Liċenza ta' Operatur maħruġa skont ir-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri.

A.L. 149 tal-2009.

Tibdil fl-użu ta' vettura.

28. (1) Meta jkun hemm il-ħsieb li vettura bil-liċenza tagħha fis-seħħ tkun se tintuża f'kundizzjoni jew b'dak il-mod jew għal xi raġuni li, jekk tintuża biss f'dik il-kundizzjoni jew mod jew għal dik ir-raġuni, twassal biex tkun trid tħallas fuqha taxxa ta' reġistrazzjoni b'rata ogħla minn dik li tkun tħallset, is-sid għandu jrodd lura lill-Awtorità d-diska tal-liċenza u ċ-ċertifikat

ta' reġistrazzjoni dwar dik il-vettura u għandu japplika għand l-Awtorità fuq il-formola preskritta għall-ħruġ ta' diska tal-liċenza ġdida adatta għall-kundizzjoni ġdida, għal mod jew għar-raġuni.

(2) L-Awtorità għandha toħroġ diska tal-liċenza u ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġodda wara li sid il-vettura jkun ħallas lill-Awtorità d-differenza fl-ammont tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li trid titħallas abbażi tal-kundizzjoni ġdida, mod jew raġuni.

(3) Vettura bil-mutur li tkun ġiet reġistrata bħala vettura M1 ma tistax tiġi konvertita f'vettura N1.

Taqsima V

REĠISTRAZZJONI U LIĊENZJAR TA' VETTURI TAL-GVERN

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u liċenzjar.

29. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u liċenzjar taħt dawn ir-regolamenti ta' vetturi li għandhom jinżammu u għandhom ikunu użati minn Ministeri tal-Gvern jew Dipartimenti tal-Gvern jew mill-Forzi Armati ta' Malta għandhom isiru lill-Awtorità kif ġej:

(a) fir-rigward ta' Ministeri tal-Gvern, mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi;

(b) fir-rigward ta' Dipartimenti tal-Gvern mid-Diretturi jew Kapijiet tal-imsemmija Dipartimenti, skont il-każ;

(ċ) fir-rigward tal-Forzi Armati ta' Malta mill-Kmandant tal-Forzi Armati jew mir-rappreżentant tiegħu.

Taqsima VI

MARKI TAR-REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI BIL-MUTUR

Marka ta' reġistrazzjoni għal kull vettura.

30. (1) Vettura bil-mutur għandha, wara li tiġi reġistrata, tingħata mill-Awtorità marka ta' reġistrazzjoni u diska tal-liċenza, iżda jekk il-liċenza għal dik il-vettura ma tiġġeddidx sad-data stabbilita għat-tiġdid tagħha ta' kull sena, l-Awtorità tista' tordna t-tħassir ta' dik il-marka ta' reġistrazzjoni u tista' tagħtiha lil kull vettura oħra bil-mutur.

(2) Il-marka ta' reġistrazzjoni tista' tieħu kull format

numeriku speċjali, alfabetiku speċjali jew alfanumeriku speċjali speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u tista' tkun magħmula sa mhux iżjed minn disa' karattri.

(3) Il-marki ta' reġistrazzjoni fil-Format Alfanumeriku, fil-Format Numeriku Speċjali u fil-Format Alfabetiku Speċjali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku b'dak il-mod skont ma tista' tistabbilixxi minn żmien għal żmien l-Awtorità permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(4) (a) Ma jistgħux Marki ta' Reġistrazzjoni Standard Każwali fil-Format Alfanumeriku jiġu trasferiti indipendentement mill-vettura li jkunu ġew allokati għaliha.

(b) Marki ta' Reġistrazzjoni Standard Personalizzati fil-Format Alfanumeriku jistgħu jiġu trasferiti indipendentement mill-vettura li jkunu ġew allokati għaliha.

(ċ) It-trasferiment ta' marki ta' reġistrazzjoni li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subregolament, jista' jsir indipendentement mit-trasferiment tal-vettura relattiva wara li tkun sodisfatta l-proċedura meħtieġa skont ma tiġi preskritta mill-Awtorità u wara li jsir il-ħlas għat-trasferiment ta' €466 lill-istess Awtorità:

Iżda kull trasferiment *causa mortis* għandu jkun eżantat mill-ħlas ta' €466 kif imsemmi f'dan il-paragrafu.

(5) Vettura bil-mutur mingħajr marka ta' reġistrazzjoni mogħtija lilha taħt dawn ir-regolamenti għandha titqies bħala vettura mhux reġistrata:

Iżda l-Awtorità tista', skont ma jkun jidhrilha, tagħti permess għall-użu ta' vetturi bil-mutur b'marka ta' identifikazzjoni, jew b'żieda għal, jew flok marka ta' reġistrazzjoni. Dik il-marka ta' reġistrazzjoni ma għandhiex tintuża fuq ebda vettura oħra barra minn dik li għaliha l-użu tal-marka jkun ġie hekk permess.

Marki ta' reġistrazzjoni partikolari.

31. (1) Marki ta' reġistrazzjoni mogħtija lil vetturi tat-trasport pubbliku, vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija u vetturi użati għall-ġarr tal-mejtin għandhom jinkludu l-ittri tal-Alfabett Ruman li ġejjin segwiti bi tliet numri:

(i) ittra segwita bl-ittri BY fir-rigward ta' karrozzi tal-linja;

(ii) ittra segwita bl-ittri CY fir-rigward ta' *coaches*;

(iii) ittra segwita bl-ittri MY fir-rigward ta' *minibuses* u *midibuses*;

(iv) ittra segwita bl-ittri SY fir-rigward ta' *minibuses* speċjali;

(v) ittra segwita bl-ittri VY fir-rigward ta' vannijiet;

(vi) ittra segwita bl-ittri GY fir-rigward ta' vetturi għal kiri pubbliku misjuqa mill-operatur tas-servizz jew minn impjegat tiegħu;

(vii) ittra segwita bl-ittri TY fir-rigward ta' *taxicars* f'Malta;

(viii) ittra segwita bl-ittri WY fir-rigward ta' *taxicars* f'Għawdex;

(ix) żewġ ittri segwiti bl-ittra K fir-rigward ta' vetturi bil-mutur *self-drive* inklużi ċikletti bil-mutur;

(x) ittra sewgita bl-ittri QZ fir-rigward ta' vetturi bil-mutur użati għal kiri fit-tul;

(xi) ittra segwita bl-ittri HQ fir-rigward ta' vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija minn burdnara;

(xii) l-ittri HRS fir-rigward ta' vetturi użati għall-ġarr ta' kadavri;

(xiii) ittra segwita bl-ittri OY fir-rigward ta' xarabanks bil-parti ta' fuq miftuħa;

(xiv) ittra segwita bl-ittri RY fir-rigward ta' ferrovija li ma timxix fuq binarji.

(2) Vetturi bil-mutur li jkunu reġistrati u jkollhom il-liċenza f'isem il-Gvern, għandhom jingħataw il-marki ta' reġistrazzjoni bi tliet ittri tal-Alfabett Ruman GVH segwiti minn

tliet numri fil-każ ta' vetturi kbar u l-ittri GVN segwiti minn tliet numri fil-każ ta' vetturi oħra.

(3) Vetturi bil-mutur li jkunu reġistrati u li jkollhom liċenza f'isem id-Dipartiment tal-Pulizija għandhom jingħataw marki ta' reġistrazzjoni bi tliet ittri tal-Alfabett Ruman GVP segwiti minn tliet numri.

(4) Vetturi bil-mutur li jkunu reġistrati u li jkollhom liċenza f'isem il-Forzi Armati ta' Malta għandhom jingħataw marki ta' reġistrazzjoni bi tliet ittri tal-Alfabett Ruman GVA segwiti bi tliet numri.

(5) Vetturi bil-mutur li jkunu reġistrati u li jkollhom liċenza f'isem rappreżentazzjonijiet diplomatiċi f'Malta għandhom jingħataw marki ta' reġistrazzjoni bl-ittri CD segwiti b'ittra oħra u tliet numri.

(6) Vetturi bil-mutur li jkunu reġistrati u li jkollhom liċenza f'isem membri tal-persunal ta' missjonijiet diplomatiċi għandhom jingħataw marki ta' reġistrazzjoni bl-ittri DMS segwiti bi tliet numri.

Pjanċi li juru l-marka ta' reġistrazzjoni u s-sinjal li jiddistingwi internazzjonali.

32. (1) L-Awtorità għandha tagħti lid-detentur taliċenza ta' vettura bil-mutur żewġ pjanċi tar-reġistrazzjoni li jkunu juru l-marka tar-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura mal-ħlas ta' kemm jiswew dawk il-pjanċi kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda.

(2) Minbarra l-marka ta' reġistrazzjoni, il-pjanċa għandha turi wkoll is-sinjal internazzjonali li jiddistingwi ta' Malta skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2411/98 dwar ir-rikonoxximent fi traffiku intra Komunitarju tas-sinjali li jiddistingwu tal-Istati Membri li fihom l-vetturi bil-mutur u t-*trailers* tagħhom ikunu reġistrati.

(3) Fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni ma huma permessi ebda ittra, numru, marka jew sinjal ieħor, ħlief dawk awtorizzati mill-Awtorità.

(4) Meta dawn il-pjanċi ġodda jingħataw lid-detentur tal-liċenza, dan għandu jieħu ħsieb li jitwaħħlu minnufih b'mod sigur għas-sodisfazzjon tal-Awtorià mal-vettura li għaliha jirriferu, waħda fuq quddiem u waħda fuq wara tal-vettura f'dik il-pożizzjoni li kull ittra u ċifra fuq il-pjanċa jkunu f'pożizzjoni vertikali, jidhru tajjeb u jingħarfu sew:

Iżda meta vettura bil-mutur tkun qed tiġbed *trailer* jew iżjed minn *trailer* wieħed, il-pjanċa ta' wara tal-vettura għandha titwaħħal fuq in-naħa ta' wara tat-*trailer* jew fuq in-naħa ta' wara tal-aħħar *trailer*, skont ma jkun l-każ:

Iżda wkoll li fil-każ ta' ċikletta bil-mutur jew triċikletta bil-mutur il-pjanċa tar-reġistrazzjoni għandha titwaħħal biss fuq wara tal-vettura.

(5) Ebda pjanċi ma għandhom jitwaħħlu ma' vettura bil-mutur jekk dawk il-pjanċi ma jkunux inħarġu mill-Awtorità u jekk dawk il-pjanċi ma jkunux jirriferu jew jappartjenu għal dik il-vettura partikolari.

(6) Kull pjanċa ta' reġistrazzjoni bħal dik li tinkiseb bil-ħlas mingħand l-Awtorità tibqa' proprjetà tal-Awtorità u għandha tingħata lura lill-Awtorità jekk u meta l-vettura tiġi garaxxjata għal perijodu ta' żmien, skrappjata jew meta din tiġi esportata għal dejjem. Pjanċi ġodda jinħarġu biss mill-ġdid għal vetturi li jkunu ġew garaxxati għal perijodu ta' żmien, wara li jitħallas id-dritt stipulat.

(7) Kull vettura bil-mutur li tkun wieqfa jew misjuqa mingħajr ma jkollha l-pjanċi msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jew pjanċi maħruġa minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każ ta' vetturi mdaħħla temporanjament f'Malta għandha titqies bħala vettura li ma jkollhiex liċenza.

Il-pjanċi għandhom jingħarfu sew.

33. Il-marka ta' reġistrazzjoni u l-pjanċa ta' vettura bil-mutur ma għandhomx jitgħattew bil-bumpers jew bi bċejjeċ ta' armar ieħor, u għandhom jinżammu nodfa mit-tajn jew mit-trab u għandhom ikunu b'mod li jistgħu jingħarfu sew.

Speċifikazzjonijiet tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni.

34. Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni msemmija fir-regolament 32 għandha tkun skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Dwal mal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara.

35. Meta vettura bil-mutur tkun qed tintuża fit-triq bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx, il-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq in-naħa ta' wara tal-vettura, jew fuq in-naħa ta' wara tat-*trailer*, jew fuq in-naħa ta' wara tal-aħħar *trailer*, skont ma jkun il-każ, għandha tkun imdawla b'bozza biex tkun tidher sew.

Liċenza għall-użu ta' pjanċa *Trial Run*.

36. (1) L-Awtorità tista' toħroġ pjanċi '*Trial Run*', għal perijodu ta' sena, għal vetturi bil-mutur li jkunu għadhom ma ġewx

reġistrati u ma jkunux għadhom ngħataw liċenza, mal-ħlas lill-Awtorità ta' dritt ta' €50.

(2) Pjanċi '*Trial Run*', b'numri suwed fuq sfond abjad, għandhom jintużaw minn negozjanti li jkollhom liċenza kummerċjali ta' vetturi bil-mutur.

(3) Għandhom jintużaw żewġ pjanċi '*Trial Run*', waħda fuq quddiem tal-vettura u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-vettura:

Iżda, meta żewġ vetturi jew iżjed ikunu qegħdin jinsaqu flimkien wara xulxin, pjanċa minn dawn għandha titwaħħal fuq in-naħa ta' quddiem tal-ewwel vettura u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-aħħar vettura.

(4) Ma għandhom jintużaw ebda pjanċi '*Trial Run*' ħlief dawk maħruġin u mbullati mill-Awtorità.

(5) Meta jinħarġu pjanċi '*Trial Run*' lil negozjant li jkollu liċenza ta' vetturi, rappreżentant tal-persuna li lilha jkunu nħarġu dawn il-pjanċi għandu jkun preżenti fil-vettura li fuqha jkunu qegħdin jintużaw il-pjanċi '*Trial Run*', u meta żewġ vetturi jew iżjed ikunu qegħdin jinsaqu flimkien wara xulxin, dak ir-rappreżentant għandu jkun f'waħda minn dawk il-vetturi.

(6) Pjanċi '*Trial Run*' jistgħu jintużaw biss:

(a) fuq vetturi bil-mutur li jkunu ġew importati jew li jkunu daħlu Malta biex jinbiegħu jew għal skopijiet ta' wiri;

(b) fuq vetturi bil-mutur mibnija lokalment waqt li dawk il-vetturi jkunu qegħdin jinsaqu mill-garaxx, mill-fabbrika jew minn kull post ieħor fejn ikunu nbnew sal-post fejn ikunu se jinżammu sakemm dawk il-vetturi tinħarġilhom liċenza skont ir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) fuq vetturi bil-mutur fil-kustodja ta' negozjant fil-vetturi bil-mutur għal skop ta' bejgħ, jew fuq vetturi bil-mutur mixtrija minn negozjant tal-vetturi bil-mutur li l-liċenza ta' dawk il-vetturi tkun għalqet;

(d) fuq vetturi bil-mutur li jkunu qegħdin jinsaqu minn garaxx, minn fabbrika jew minn post ieħor fejn il-vettura tkun

miżmuma, għall-moll fejn isir l-imbark ta' dik il-vettura intiża biex tiġi esportata.

(7) Pjanċi '*Trial Run*' ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar.

(8) Pjanċi '*Trial Run*' ma għandhomx jintużaw fil-Ħdud jew festi pubbliċi jekk mhux awtorizzati b'mod speċjali mill-Awtorità.

(9) Għandu jsir depożitu ta' €50 għal kull sett ta' pjanċi '*Trial Run*' meta dawn il-pjanċi jiġu irtirati mingħand l-Awtorità.

(10) F'każ ta' telf ta', jew ħsara lil, xi waħda minn dawk il-pjanċi, id-detentur tal-liċenza jitlef id-depożitu għal kull pjanċa hekk mitlufa jew mogħtija lura bil-ħsara jekk ma tkunx tajba biex tintuża.

Taqsima VII

ĠENERALI

Ħtiġiet għal vjaġġar internazzjonali.

37. Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkollha liċenza f'Malta, li jkun jixtieq jieħu dik il-vettura f'pajjiż terz, għandu japplika mill-Awtorità għall-għoti ta' ċertifikat għall-esportazzjoni ta' vetturi bil-mutur.

Esportazzjoni permanenti.

38. Meta vettura bil-mutur, li tkun reġistrata f'Malta, tinħareġ minn Malta għal aktar minn 12-il xahar, dik il-vettura għandha titqies li tkun ġiet esportata għal żmien permanenti u s-sid tagħha għandu jagħti lura lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-imsemmija Awtorità.

Taqsima VIII

TĦASSIR TAR-REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI FI TMIEM ŻMIENHOM

Kif għandhom jinqerdu vetturi fi tmiem żmienhom.

39. (1) Vetturi bil-umutur M1 u N1 u vetturi bil-mutur bi tliet roti fi tmiem żmienhom li jkunu reġistrati fir-reġistru tal-Awtorità għandhom ikunu trasferiti lil faċilità ta' trattament awtorizzata skont is-subregolament 6(3) tar-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom).

(2) Meta faċilità ta' trattament awtorizzata taċċetta vettura fi tmiem żmienha li tkun ġiet trasferita lilha għal trattament, dik il-faċilità għandha toħroġ ċertifikat ta' distruzzjoni lill-aħħar detentur jew sid tal-vettura.

Ċertifikat ta' distruzzjoni.

40. Ċertifikati ta' distruzzjoni maħruġa kif imiss mill-faċilità ta' trattament awtorizzata fi Stat Membru ieħor skont il-leġislazzjoni nazzjonali relettiva analoga għad-disposizzjonijiet tar-regolament 39 ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu rikonoxxuti u aċċettati b'mod reċiproku.

Għoti lura taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

41. Meta vettura li għaliha japplika r-regolament 39 ta' dawn ir-regolamenti jkunu trasferiti lil faċilità ta' trattament awtorizzata –

(a) jekk dik il-faċilità tkun tinsab f'Malta, is-sid jew operatur tal-faċilità għandu jinforma lill-Awtorità dwar il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' distruzzjoni u fl-istess ħin jgħaddi lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura sakemm iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunx intilef, insteraq jew inqered; u

(b) f'każ li l-faċilità tinsab fi Stat Membru li ma hux Malta, is-sid reġistrat tal-vettura għandu jgħarraf lill-Awtorità bil-ħruġ f'dak l-Istat Membru ieħor taċ-ċertifikat ta' distruzzjoni u fl-istess ħin is-sid reġistrat għandu jgħaddi lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura sakemm iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunx intilef, insteraq jew inqered.

Użu mill-ġdid u rkuprar ta' komponenti.

42. Minkejja d-disposizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid ta' komponenti li jistgħu jerġgħu jintużaw mill-ġdid u dwar l-irkupru ta' komponenti li ma jistgħux jerġgħu jintużaw mill-ġdid li hemm fir-Regolamenti tal-2004 dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), mhux permess jibqa' jsir użu jew jintużaw mill-ġdid b'xi mod li jkun in-numru tax-*chassis* ta' vettura fi tmiem żmienha li tkun ġiet trasferita jew imwassla ġewwa faċilità ta' trattament awtorizzata.

Tħassir tar-reġistrazzjoni ta' vetturi fi tmiem żmienhom.

43. Vettura fi tmiem żmienha għandu jkollha r-reġistrazzjoni tagħha mħassra wara li s-sid jew l-operatur tal-faċilità ta' trattament awtorizzata, jew l-aħħar sid reġistrat tal-vettura jgħaddu lill-Awtorità ċ-ċertifikat ta' distruzzjoni skont ir-regolament 39 ta' dawn ir-regolamenti.

Taqsima IX

PIENI

Reati u pieni.

44. (1) Ebda persuna ma għandha tħassar jew tisfigura ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura jew il-liċenza ta' vettura bil-mutur jew tbiddel jew tħassar dettalji li jkunu mdaħħla fihom.

(2) Persuna li, bil-ħsieb li tqarraq, tiffalsifika, tibdel, tuża, tipproduċi, tipprovdi jew tibgħat dokument li għalih japplikaw ir-regolamenti 4 sa 6 ta' dawn ir-regolamenti, jew tagħmel stqarrija li taf li tkun falza jew tħassar jew tisfigura ċertifikat ta' reġistrazzjoni, tkun ħatja ta' reat.

(3) Persuna li, jew b'kitba, tpinġija jew b'mod ieħor, tibdel, tħassar, tisfigura jew iżżid xi ħaġa f'liċenza ta' xi vettura bil-mutur, jew tqiegħed fuq vettura diska taliċenza li tkun ġiet mibdula, tkun tħassret, tkun ġiet sfigurata jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fiha, tkun ħatja ta' reat.

(4) Persuna li tibdel, tirranġa mill-ġdid jew tħassar marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura fuq vettura bil-mutur jew xort'oħra tbagħbas mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur, tkun qiegħda tagħmel reat.

(5) Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat.

(6) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt is-subregolamenti (1), (2), (3), (4) u (5) ta' dan ir-regolament tista' teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra, f'liema każ il-Qorti għandha tapplika dik il-penali oħra jew din il-penali miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi, skont liema waħda hi l-ogħla.

(7) Il-pieni għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin:

(a) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenza	mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur
(b) sewqan ta' vettura bil-mutur b'liċenza li tkun ġiet mibdula, imħassra, sfigurata jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fiha jew b'liċenza li tappartjeni għal vettura oħra	€70
(ċ) sewqan, jew tħallija fit-triq, ta' vettura mingħajr il-liċenza ma tkun imwaħħla mal-*windscreen* tal-vettura jew mal-manubriju taċ-ċikletta bil-mutur ……	€25
(d) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni	€25 sa €60
(e) sewqan ta' vettura bil-mutur bi pjanċi ta' reġistrazzjoni li jkunu ġew mibdula, imħassra, sfigurati jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fihom …	€25 sa €60
(f) użu ta' vettura bil-mutur mhux skont il-liċenza maħruġa għaliha …	€35
(g) sewqan ta' vettura bil-mutur li jkollha l-pjanċi tar-reġistrazzjoni mgħottija bil-*bumpers* jew bi bċejjeċ ta' armar ieħor, jew li ma jingħarfux sew ……	€25 sa €60
(h) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma s-sewwieq ma jkollu fil-pussess iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura u d-dokument tal-assigurazzjoni ……	€25 sa €60

(i) is-sid jonqos milli jagħti lill-Awtorità fiż-żmien stipulat avviż ta' tibdil li jkun sar f'vettura bil-mutur ..	€25 sa €60
(j) sewqan mingħajr pjanċi *Trial Run* ta' vettura bil-mutur li ma tkunx għadha ġiet reġistrata	€25 sa €60

45. Ir-Regolamenti tal-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, qegħdin b'dawn jiġu imħassra. Revoka tal-A.L. 476 tal-2004.

L-EWWEL SKEDA

Ir-Regolament 30

Marki ta' Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur u Drittijiet għall-ħruġ tal-pjanċi

TIP	DESKRIZZJONI
Format Standard Alfanumeriku (Każwali)	Magħmul minn żewġ settijiet ta' tliet karattri kull wieħed, l-ewwel sett magħmul minn tliet karattri tal-Alfabett Ruman u t-tieni magħmul minn tliet ċifri Għarab, bħal XXX111 **Dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità: €60**
Format Standard Alfanumeriku (Personalizzat)	Magħmul minn żewġ settijiet ta' tliet karatti kull wieħed, l-ewwel sett magħmul minn tliet karattri tal-Alfabett Ruman u t-tieni magħmul minn tliet ċifri Għarab, bħala XXX 111, hekk li l-għażla tal-karattri u ċ-ċifri titħalla f'idejn il-persuna li tkun qed titlob in- Numri. **Dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità: €120**
Format Numeriku Speċjali	Magħmul unikament minn ċifri Għarab. **Dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità: €1,165**
Format Alfabetiku Speċjali	Magħmul minn kull karattru tal-Alfabett Ruman. **Dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità: €1,165**

Format Numeriku u Alfabetiku Speċjali	Magħmul minn taħlita ta' karattru numeriku u alfabetiku. **Dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità: €1,165**

Meta l-marka ta' reġistrazzjoni tkun tat-tip fil-Format Standard Alfanumeriku (Każwali), l-ewwel ittra tfisser ix-xahar li fih l-liċenza jkollha tiġġedded.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 34)

Speċifikazzjonijiet tal-Pjanċi tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi

Il-marka tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur reġistrata u li jkollha liċenza f'Malta għandha tintwera fuq pjanċa rettangulari li għandha tikkorrispondi mad-dijagramma Nru 1 jew mad-dijagramma Nru 2 li jidhru hawn taħt.



Dijagramma 1



Dijagramma 2

Il-pjanċa li fuqha tidher il-marka ta' reġistrazzjoni ma għandux ikollha kliem, ittri, numri, emblemi jew marki ta' xi kull xort'oħra ħlief dawk meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti.

Il-pjanċa li fuqha tkun tidher il-marka tar-reġistrazzjoni għandha turi l-bandiera tal-Unjoni Ewropea u l-ittra M.

L-ispeċifikazzjonijiet għas-sinjal li jiddistingwi fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni għandhom ikunu:

Kuluri:

1. Sfond blu li jirrifletti minnu nnifsu (riferenza 5,9 pb 3,4ċ15,1)

2. 12-il stilla f'kulur isfar li jirrifletti minnu nnifsu
3. Is-sinjal li jiddistingwi ta' Malta f'kulur abjad li jkun jirrifletti minnu nnifsu.

Kompożizzjoni u dimensjonijiet:

1. L-isfond blu ma għandux ikun għoli anqas minn 98 mm, b'wiesgħa ta' mhux anqas minn 40 mm u mhux iżjed 50 mm
2. It-12-il stilla għandhom jiffurmaw ċirku b'b'raġġ ta' 15 mm *radius* u l-parti dritta li tifforma l-quċċata tal-istilel għandha tkun twila bejn 4 mm u 5 mm
3. Is-sinjal li jiddistingwi ta' Malta għandu jkun għoli 20 mm u wiesgħa bejn 4 mm u 5 mm, u għandu jidher taħt iċ-ċirku ta' stilel.

Meta d-dimensjonijiet tal-isfond blu jitnaqqsu fir-rigward ta' pjanċi li jieħdu żewġ linji (bħal fid-Dijagramma 2) u, jew fir-rigward ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' ċikletti bil-mutur b'żewġ roti jew bi tliet roti, id-dimensjonijiet tal-istilel u tas-sinjal li jiddistingwi għandhom jonqsu b'mod proporzjonali.

Il-periferija tal-pjanċa għandha tkun immarkata mad-dawra kollha b'bordura sewda b'wisgħa ta' 5 millimetri.

Il-pjanċa għandha tkun magħmula minn metall.

Il-marka ta' reġistrazzjoni għandha tkun magħmula minn karattri suwed u għandha tintwera fuq materjal abjad li jirrifletti b'mod li l-karattri suwed jidhru f'kull ħin fuq sfond abjad. Għandu jkun hemm marka fl-ispazju bejn l-ittri u n-numri.